# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Hmistax (15) ta' Ottubru 2020**

**Rikors Numru 876/18 FDP**

Fl-ismijiet

**G.C. s.p.a**

**Vs**

**Palumbo Malta Shipyard Limited (C-48983)**

**Wara d-deċiżjoni bin-numru 4494/2017 mogħtija mit-Tribunal Ċivili ta' Napli fit-3 ta' April 2018 fl-istess ismijiet**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 30 ta' Awissu 2018, li permezz tiegħu s-soċjetà rikorrenti talbet lill-Qorti sabiex, a tenur tal-Artikolu 826 tal-Kap 12 kif ukoll tar-Regolament Ewropew 1215/2012, tirrikonoxxi u tiddikjara enforzabbli ġewwa l-ġurisdizzjoni Maltija d-deċiżjoni bin-numru 4494/2017 mogħtija mit-Tribunal Ċivili ta' Napli fit-3 ta' April 2018, u dana sabiex is-soċjeta' rikorrenti Taljana G.C. s.p.a. tkun tista' teżegwixxi l-kreditu tagħha hawn Malta.

2. Rat il-kopja tas-sentenza mogħtija mill-"XI Sezione Civile" tat-Tribunali di Napoli Nru 4494/2017 deċiża fit-3 ta' April 218, kemm fil-lingwa oriġinali Taljana, kif ukoll bil-lingwa Maltija.

3. Rat iċ-ċertifikat maħruġ a tenur tal-Artikolu 53 tar-Regolament 1215/2012 in konnessjoni mar-rikonoxximent u eżekuzzjoni fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali ta' sentenzi, li inħareġ bil-lingwa Taljana kif ukoll bil-lingwa Maltija, maħruġa fit-3 ta' Lulju 2018.

4. Rat l-Ittra Uffiċjali illi ntbagħtet lis-soċjeta' intimata Palumbo Malta Shipyards Limited fl-4 ta' Ġunju 2018.

5. Rat illi fit-2 ta' Ottubru 2018, is-soċjeta' Palumbo Malta Shipyards Limited ippreżentat risposta fejn oġġezzjonat għat-talba rikorrenti fuq difiżi ta' natura legali preliminari.

6. Rat ix-xhieda ta' Carmine Mairone, rappreżentant tas-soċjeta' G.C s.p.a, mogħtija fit-3 ta' April 2019.

7. Rat illi dina l-Qorti, kif komposta, ħadet konjizzjoni tal-atti fis-7 ta' Ottubru 2019.

8. Rat illi fit-23 ta' Ottubru 2019, is-soċjeta' intimata ippreżentat dokument li juri li fil-11 ta' Mejju 2018, is-soċjeta' intimata kienet appellat mid-deċiżjoni 4494/2017, li dwarha qed tintalab l-eżekuzzjoni ġewwa Malta, liema appell huwa skedat illi jinstema' fit-3 ta' Frar 2021. (fol 47)

9. Rat illi fit-28 ta' Novembru 2019 is-soċjeta' rikorrenti ippreżentat nota fejn spjegat il-posizzjoni tagħha dwar l-eżegwibbilita' tas-sentenza tal-5 ta' April 2018, fejn insistiet illi tali sentenza tiġi reża eżegwibbli stante illi l-effetti tagħha ma ġewx sospiżi.

10. Rat illi fl-20 ta' Frar 2020, il-kawża odjerna tħalliet għall-provi intimati sabiex wara titħalla għas-sentenza.

11. Rat illi fil-15 ta' Marzu 2020, il-Qrati ta' Malta ġew magħluqa fuq ordni tas-Sovraintendent tas-Saħħa minħabba fil-pandemija Covid-19, u reġgħu infetħu biss fil-5 ta' Ġunju 2020.

12. Rat illi fid-9 ta' Lulju 2020, is-soċjeta' intimata, filwaqt illi ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi, talbet lill-Qorti sabiex jew tissospendi l-proċeduri odjerni sakemm jiġi deċiż l-appell jew inkella tordna lis-soċjeta' rikorrenti tiddeposita garanzija sabiex tagħmel tajjeb.

**Ikkunsidrat**

13. Jirriżulta illi, permezz tal-proċeduri odjerni intavolati mis-soċjeta' rikorrenti estera Taljana G.C s.p.a, ġie mitlub lil dina l-Qorti sabiex tirrikonoxxi u tenforza deċiżjoni mogħtija mill-Qorti ta' Napli tal-5 ta' April 2018.

14. Jirriżulta illi tali talba saret kemm a tenur tal-Artikolu 826 tal-Kap 12, kif ukoll a tenur tar-regolament 1215/2012.

15. Jirriżulta illi, a tenur tal-Artikolu 826 tal-Kap 12,

> *Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Esekuzzjoni Reċiproka ta' Sentenzi ta' Tribunali Ingliżi, is-sentenzi mogħtija minn qorti kompetenti ta' pajjiż barra minn Malta, u li jkunu saru ġudikat, jistgħu jiġu esegwiti mill-qorti kompetenti ta' Malta, bħas-sentenzi mogħtija f'Malta, fuq rikors b'talba biex tiġi ordnata l-eżekuzzjoni ta' dawk is-sentenzi.*

16. Jirriżulta, madanakollu, illi a tenur tal-Artikolu 825A tal-Kap 12,

*Meta Regolamenti tal-Unjoni Ewropea jipprovdu, dwar affarijiet regolati taħt dan it-Titolu, b'mod li jkun differenti milli hemm f'dan it-Titolu, dawk ir-regolamenti għandhom jipprevalixxu, u d-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu għandhom biss japplikaw meta ma jkunux inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet ta'dawk ir-regolamenti jew f'affarijiet li ma jaqgħux fl-ambitu ta' dawk ir-regolamenti*

17. Jirriżulta, fil-każ odjern, illi mill-10 ta' Jannar 2015, għal dak illi jirrigwarda eżekuzzjoni ta' sentenzi mogħtija barra minn Malta, u preċiżament f'xi stat tal-Unjoni Ewropeja, għandu japplika r-Regolament 1215/2012.

18. Jirriżulta illi a tenur tal-Artikolu 36 ta' tali Regolament,

*Sentenza mogħtija fi Stat Membru għandha tiġi rikonoxxuta fl-Istati Membri l-oħra mingħajr il-bżonn ta' ebda proċedura speċjali*

19. Jirriżulta wkoll illi, a tenur tal-Artikolu 39 ta' l-istess Regolament,

*Sentenza mogħtija fi Stat Membru li hija eżegwibbli f'dak l-Istat Membru għandha tkun eżegwibbli fl-Istati Membri l-oħra mingħajr ma tkun meħtieġa l-ebda dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà.*

20. Jirriżulta illi, a tenur tal-Artikolu 38 ta' l-istess Regolament,

*Il-qorti jew awtorità li quddiemha tiġi invokata ir-rikonoxximent ta' sentenza mogħtija fi Stat Membru ieħor tista' tissospendi l-proċedimenti kollha jew tissospendi parti minnhom, jekk:*

*1. (a) is-sentenza tiġi kkontestata fl-Istat Membru ta' oriġini; jew*

21. Jirriżulta ċar, mid-dokumentazzjoni eżebita mis-soċjeta' intimata, illi s-sentenza datata 3 ta' April 2018, illi tagħha qiegħda tintalab l-eżekuzzjoni tagħha hawn Malta, qiegħda tiġi kkontestata ġewwa l-Corte d'Appello di Napoli, liema appell ġie ppreżentat fil-11 ta' Mejju 2018.

22. Jirriżulta illi s-soċjeta' rikorrenti konvenjentement għażlet illi tinjora tali fatt u illi fit-3 ta' Lulju 2018 ottjeniet ċertifikat li juri li s-sentenza hija eżegwibbli, minkejja illi hemm appell minn tali sentenza.

23. Il-Qorti tosserva illi sentenza illi hija suġġetta għall-appell ma tistax tiġi rikonoxxjuta ġewwa pajjiż ieħor, a tenur tal-Artikolu 38 fuq kwotat, irrispettivament minn kwalsiasi dokumentazzjoni illi rnexxielha tottjeni s-soċjeta' rikorrenti mill-Qorti ta' Napoli.

24. Għalhekk, it-talba ta' rikonoxximent u enforzabbilita' tas-sentenza mogħtija fit-3 ta' April 2018 ġewwa l-Qorti ta' Napoli Nru 4494/2017 ma jistax jiġi kkunsidrat favorevolment.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti kollha ppreżentati quddiemha, tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** it-talba tas-soċjeta' rikorrenti kif minnha redatta fir-rikors promotur tagħha tat-30 ta' Awissu 2018.

Spejjeż tal-proċeduri odjerni ikunu a kariku tas-soċjeta' rikorrenti.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**